# POST VAKANTI

Numru tal-permess tal-Jobsplus: 724/2022

Numru tal-vakanza tal-Jobsplus: 408951

# UFFIĊJAL AMMINISTRATTIV 5
# SISTEMI TAL-IT

## FULL-TIME



## L-IRWOL

L-impjegat prospettiv se jkun assenjat lit-Taqsima tal-Informatika jew lil taqsimiet oħra skont l-eżiġenzi tal-Uffiċċju.

Din il-pożizzjoni hija opportunità eċċellenti ta' karriera għall-kandidati prospettivi bi sfond akkademiku fit-Teknoloġija tal-Informazzjoni, u għarfien fl-arkitettura tal-kompjuter u *networking* tal-kompjuter.

## KUNDIZZJONIJIET

Din il-pożizzjoni għandha salarju li jib da minn €28,950 fis-sena, b'żidiet ta' kull sena li huma suġġetti għal prestazzjoni tajba tax-xogħol.

Dan il-ħlas jeskludi allowances tal-kwalifika u ħlas ta' sahra, li jitħallas separatament fuq bażi ad-hoc, skont il-ħtieġa.

**Benefiċċji tal-NSO:**

- Ambjent ta' xogħol attraenti;
- Assigurazzjoni tas-saħħa;
- Arranġamenti tax-xogħol flessibli;
- Taħriġ;
- *Hybrid working*;
- Opportunitajiet għal aktar tagħlim, inkluż boroż ta' studju.

MSA
Malta Statistics Authority
Awtorità tal-Istatistika ta' Malta

Malta NSO
National Statistics Office
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

**SKOPRI KIF TISTA' TAPPLIKA FUQ PAĠNA 2**

# POST VAKANTI

Numru tal-permess tal-Jobsplus: 130/2022

Numru tal-vakanza tal-Jobsplus: 377912

## REKWIŻITI EWLENIN

**Il-kandidat magħżul għandu juri:**

- Livell tajjeb ħafna ta' ħiliet interpersonali u ta' komunikazzjoni;
- Għarfien b'saħħtu fl-applikazzjonijiet tal-Microsoft Office (preferibbilment kwalifikat b'l-ECDL).
- Ħiliet b'saħħithom fl-organizzazzjoni u l-ippjanar; u
- Ħiliet analitiċi u numeriċi tajbin imsaħħin minn għarfien bażiku fl-istatistika.



**Il-kandidati interessati għandhom:**

- Ikollhom Diploma fil-livell ta' MQF 5 fit-Teknoloġija kompjuterizzata, fl-Informatika jew f'qasam ta' studju relatat, flimkien ma' seba' (7) snin, jew ekwivalenti, ta' esperjenza relevanti;

  JEW

- Ikollhom Ċertifikat rikonoxxut fil-livell ta' MQF 6 jew ogħla f'qasam relatat mal-Informatika (kandidati li jkunu ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika f'Livell 6 jew ogħla tal-MQF, li jkunu għadhom ma ngħatawx din il-kwalifika b'mod formali, xorta waħda jkunu kkunsidrati basta jippreżentaw xhieda li jkunu ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika);
- Juru li jafu tajjeb ħafna l-ilsien Ingliż, flimkien mal-Malti jew kwalunkwe ilsien uffiċjali ieħor Ewropew.
- Applikanti prospettivi huma ġentilment mitluba jaqraw ir-rekwiżiti tal-eliġibilità.

Dan il-post vakanti jimtela fuq il-bażi tar-riżultat tas-sejħa interna u, meta tiġi eżawrita, permezz ta' Espressjoni ta' Interess u/jew permezz tal-proċeduri ta' Jobsplus, kif applikabbli.

## KIF TAPPLIKA



**Biex tapplika agħfas hawn**

Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol tista' tinkiseb billi tagħfas hawnekk

Id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet hija n-nofsinhar (12:00hrs) (Ħin Ċentrali Ewropej), sal-Ġimgħa 16 t'Awwissu 2024.